MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 200/2014

**GO plc**
**(C 22334)**

**Vs**

**Lowery Robert**
**ID 47915(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Marzu, 2014 illi 'l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija sebgha u hamsin ewro u wiehed u sittin centezmu (€757.61) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 42 (AC40168419), u li jinkludi telefone 21524734 gia 21654258, servizz ta' televisjoni 1425128379 u 1425158380, u servizz ta' internet.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 1723/13, u bl-imghaxijiet legali sa mill-24 ta' Lulju, 2013 data tal-imsemmija ittr ufficjali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-1 ta' Ottubru, 2014 is-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-1 ta' Ottubru, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erba' mija sebgha u hamsin ewro u wiehed u sittin centezmu (€757.61) bl-imghaxijiet legali, sa mill-24 ta' Lulju, 2013 sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1723/2013 ikunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------